# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 187/2022 LC

**REALHOUSE MANAGEMENT LIMITED
BĦALA AMMINISTRATUR TAL-164 TOWER ROAD
OWNERS' ASSOCIATION**

*vs*

**KURATURI DEPUTATI NOMINATI
SABIEX JIRRAPPREŻENTAW L-EREDITÀ ĠJAĊENTI
TAL-MEJJET CRESCENZO SIVE CARMELO MUCCI (K.I. 0109442A)
U B'DIGRIET DATAT IT-12 TA' OTTUBRU 2022
ĠIET APPUNTATA DR. MARIA KARLSSON BĦALA KURATUR DEPUTAT**

**Illum, 25 ta' Settembru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-avviż ippreżentat mis-soċjetà rikorrenti Realhouse Management Limited bħala amministratur tal-164 Tower Road Owners' Association fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' ħdax-il elf, u erbgħa u disgħin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€11,094.27) rappreżentanti bilanċ ta' kontribuzzjonijiet dovuti minnkom lill-assoċjazzjoni għal sehemkom mill-ispejjeż ta' manteniment tal-partijiet komuni, xogħolijiet fuq il-faċċata tal-blokka ta' appartamenti kif ukoll spejjeż għall-installazzjoni ta' lifts ġodda kif jirriżulta mill-istatement hawn anness u mmarkat bħala dok "A".

> Bl-ispejjeż u bl-interessi skond il-liġi kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Dr. Maria Karlsson bħala Kuratur Deputat fejn eċċepiet:-

> Illi hija ġiet maħtura bħala Kuratur Deputat b'Digriet tat-12 ta' Ottubru 2022 sabiex tirrappreżenta l-eredità ġjaċenti tal-mejjet Crescenzo sive Carmelo Mucci (KI 109442A).
>
> Illi l-kuratriċi deputat m'hijiex edotta mill-fatti u għaldaqstant tirriserva d-dritt li tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt meta jkun il-każ;
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali;

Rat il-Verbal tagħha tat-3 ta' Mejju 2023;

Rat in-Nota tal-Kuratur Deputat datata t-13 ta' Lulju 2023;

Ikkonsidrat;

Illi mill-affidavit tad-direttur tas-soċjetà rikorrenti Andrew Alphonse Xuereb jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti tamministra l-*condominium* ta' 164, Tower Road Owners Association, Sliema u li hemm 26 membru. Illi s-sidien tal-varji appartamenti jħallsu kemm il-kontribuzzjoni annwali kif ukoll ġieli għamlu xi spejjeż straordinarji, bħal xogħolijiet fuq il-faċċata u anke biddlu l-lifts. Minn Mejju 2021, is-soċjetà rikorrenti ma baqgħetx tirċievi l-pagamenti dovuti mill-intimat u minn riċerka li għamlet irriżulta li l-intimat ġie nieqes fil-21 ta' Novembru 2018 u li huwa kellu testment redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza fejn istitwixxa bħala eredi universali tiegħu lil martu Gina D'Agostino Muċċi, li ġiet nieqsa qablu. Illi skont ir-riċerki li għamlu, ma jirriżultax li l-intimat għandu eredi magħrufa u għalkemm huwa

ġie nieqes f'Novembru 2018, is-soċjetà rikorrenti baqgħet tirċievi l-pagamenti min-Nutar Dr. Victor Bisazza. F'Mejju 2021, dawn il-pagamenti waqfu. Illi s-soċjetà rikorrenti ppreżentat ukoll prospett bl-ammonti dovuti u li jammontaw għal €11,094.27.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi din il-verżjoni ta-soċjetà rikorrenti u b'hekk il-Qorti hi tal-fehma li l-verżjoni mogħtija minnha għandha tiġi akkolta fl-intier tagħha.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti is-somma ta' ħdax-il elf, erbgħa u disgħin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€11,094.27), bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-lum.

L-ispejjeż huma a karigu esklussiv tal-intimat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**